Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 617/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 617/05**

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Robert Ebejer I.D. 312669 (M) bhala stralcjarju ta' "Frontline Marketing & Communications Limited" (C17881)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Lulju 2006, fejn intalab li l-konvenut noe jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm523.42), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Sema` x-xhieda tal-konvenut Robert Ebejer tat-18 ta' Settembru 2006 li biha stqarr illi huwa accountant by profession u jagixxi ta' stralcarju tas-socjeta` Front Line Marketing and Communications Limited. Hu spjega illi ma kienx hemm fondi bizzejjed biex jithallsu l-kredituri privileggati u ma kienx jidher illi ser ikun hemm tali fondi. Hu spjega illi din kienet il-posizzjoni tieghu bhala stralcarju.

Ra il-verbal ta' Dr David Farrugia Sacco maghmul fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2006 li permezz tieghu, ghan-nom tal-konvenut, iddikjara illi a skans ta' spejjes zejda ma kienitx ser tigi pprezentata risposta u li l-kontenut tad-deposizzjoni tal-konvenut moghtija dak in-nhar stess kienet tispjega is-sitwazzjoni.

Sema` lill-Prokuratur Legali Noel Scerri fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2006 jiddikjara illi s-socjeta` attrici kienet ghada ma thallsitx l-ammont minnha riklamat fl-Avviz;

Ra l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2006 fejn l-istess Prokuratur Legali Noel Scerri ghas-socjeta` attrici talab lit-Tribunal jghaddi ghas-sentenza;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ikkunsidra illi l-kawza giet differita ghall-llum ghad-decizjoni;

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed, b'ekwita`, jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut Robert Ebejer fil-kwalita` tieghu kif mharrek, ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' hames mija u tlieta u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm523.42) bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut bhala stralcarju ta' Frontline Marketing and Communications Limited (C17881).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------